# APPREZZAMENT
# BIEX MA NINSEWH QATT



## ĠANNI ABELA
## 20/06/1947
## 08/05/2010

Ġanni twieled iż-Żejtun fl-20 ta' Ġunju 1947 minn ġenituri Salvatore u Ġużeppa née Abela. Dan seħħ fiż-żmien l-Arċipriet Paċifiku Mifsud li kien amministra ukoll is-sagrament tal-magħmudija lil Ġanni. Huwa l-ikbar minn żewġ aħwa, oħtu Salvina li kienet mietet fis-sena 1995.

Ikompli f'paġna 26






Ġanni kien tilef lil missieru meta kien għadu żgħir u għalhekk ommu kellha toħroġ taħdem biex tmantni lil uliedha. Hija kienet tibagħtu l-iskola iżda ta' eta' żgħira Ġanni kien diġa beda jifrekwenta l-knisja parrokjali. Tant li wara l-iskola huwa kien dejjem jgħaddi l-knisja u juri nteress speċjali waqt xi xogħol ta' armar li kien jkun qiegħed isir fil-knisja. Meta is-sagristan ta' dak iż-żmiem is-Sur Ġużeppi Grech kien jarah daqstant attiv kien jħalli f'idejh l-armar ta' ġewwa tal-knisja u anki kien jgħaddilu xi kelma mal-Arċipriet biex meta jirtira hu, jista' jserraħ rasu fuq Ġanni. Fil-fatt bħal ma kulħadd jaf hekk ġara aktar 'il quddiem. Wara li rtira s-Sur Ġużeppi Grech fis-sena 1965, Ġanni laħaq sagristan tal-knisja Arċipretali taż-Żejtun. Huwa dam iwettaq din il-ħidma għal 42 sena sħaħ sas-sena 2008 fejn fl-20 ta' Ġunju 2008 f'jum il-festa ta' Santa Katarina V.M. għeluq il-wieħed u sittin sena tiegħu huwa irtira minn din il-kariga. Ġanni kien miżżewweġ lil Ġustina née Caruana nhar il-21 ta' Settembru 1969 u kellhom erbat-it tfal, Silvio, Marica, Antoine u Joseph.




Huma bosta t-tifkiriet li jffakruna f'opri li Ġanni ħa ħsieb biex isebbaħ it-tempju tagħna. Hu kien jorganiżża lotteriji kif ukoll ġbir speċjali biex jwettaq xi opra ġdida jew restawr ta' ħwejjeġ sagri. Nistgħu ngħidu li Ġanni kien

Ikompli f'paġna 27



dilettant minn kull aspett tal-festa u għalhekk insibuh għal bosta snin membru fil-maħżen tal-armar fi żmien li kien qiegħed jsir ir-rinovazzjoni u r-restawr tal-armar ta' barra. Dan kien lejn tmiem is-snin sittin u bidu tas-snin sebgħin.

Fiż-Żejtun minn dejjem kien hawn diversi persuni dilettanti tal-piroteknika. Iż-żewġ soċjetajiet mużikali kellhom persuni li kienu jieħdu ħsieb jorganizzaw il-logħob tan-nar. Dun Ġużepp Desira li kien il-prokuratur għal bosta snin tal-festa ta' Santa Katarina kien jieħu ħsieb li jixtri xi nar minn barra iż-Żejtun, iżda kellu ukoll persuni li kienu jieħdu ħsieb jaħdmu xi logħob tan-nar. L-aktar wieħed magħruf u l-aħħar wieħed li baqa' jaħdem in-nar kien proprju Pietru Buttiġieġ, li f'dan l-istess ktejjeb qegħdin ukoll nagħtuh tislima xierqa peress li ħalliena aktar kmieni din is-sena. Pietru kien dilettant kbir tal-logħob tan-nar speċjalment tal-murtali tal-kulur. Huwa kien ikun mgħejjun minn uliedu u diversi persuni dilettanti. Din il-passjoni għax-xogħol tan-nar kien iwettaqha ġewwa il-kamra tan-nar ta' Santa Marija ta' Ħal-Għaxaq. L-aħħar sena li Pietru ħadem in-nar kien fl-1972. Persuna li kienet tieħu ħsieb tiġbor għan-nar kien is-Sur Ġużeppi Curmi. Huwa kien jikkoordina l-ġbir flimkien ma' Dun Ġużepp Desira. Ta' min iżid li meta Pietru ma

Ikompli f'paġna 28







Murtali 1983

baqax jaħdem in-nar, Ġużeppi kien beda jixtri mill-kamra tan-Nar ta' San Mikiel ġewwa Ħal-Lija.

Meta minħabba li dawn il-persuni kibru fl-eta', Dun Ġużepp kien spiċċa minn prokuratur u Pietru waqaf jaħdem in-nar, Ġużeppi Curmi kien ftiehem ma' Ġanni biex huwa jibda jieħu ħsieb il-ġbir tal-flus biex jinxtara n-nar. Ġanni daħal għal din l-isfida b'kuraġġ u b'ħeġġa kbira. Fiż-Żejtun bdiet tidher ħeġġa u interess akbar lejn il-festa tal-Patruna tagħna Santa Katarina tant li kienu bosta ż-żgħażagħ li bdew jiffrekwentaw il-knisja u s-soċjetajiet tal-festa. Il-Festa bdiet tikber minn kull aspett. Fis-sena 1975, grupp ta' żgħażagħ ingħaqdu ma' Ġanni biex waqfu l-Għaqda Dilettanti tan-Nar 25 ta' Novembru. Ġanni kien reġa' avviċina lis-Sur Pietru Buttiġieġ u dawn flimkien bdew jiffrekwentaw kamra tan-nar barra ż-Żejtun, biex jimmanifatturaw xi xogħol tan-nar. Ix-xogħol tan-nar beda jiżdied minkejja li l-festa kienet tiġi ċċelebrata f'Novembru u t-temp ma tantx kien ikun favorevoli dawn iż-żgħażagħ

Ikompli f'paġna 29


Kaxxi Nfernali 1986

kienu jħabirku biex in-nar jinħaraq. Fis-snin tmenin eżattament 1986, fiż-Żejtun iċċelebrajna 1550 sena mit-twaqqif tal-parroċċa u Ġanni u sħabu kienu ppreparaw ħarqa nar ġmiela. F'dawk is-snin madwar Malta bdew jinbnew kmamar tan-nar ġodda, kienu tfasslu pjanti u liġijiet moderni. Id-Dilettanti Żwieten konna tħajjarna biex aħna wkoll ikollna kamra tan-nar fejn inkunu nistgħu nimmanifatturaw ix-xogħol bla biża' u b'aktar kumdita. Eżattament f'Diċembru 1986, bdejna infittxu għalqa li fiha seta' jinbena post tan-nar. Kienu bosta l-għelieqi li żorna madwar iż-Żejtun iżda fl-aħħar l-għażla waqgħet għall-għalqa fl-inħawi magħrufin ta' Lambordi n-naħa tas-Silġ. Dan seħħ f'Diċembru 1986 u ftit wara ffirmajna l-konvenju tax-xiri. Fil-bidu tas-sena 1987 konna ippreparajna l-pjanti u ssottomejna l-applikażżjoni lid-depot tal-pulizija kif ukoll lill-PAPB. F'Ġunju tal-istess sena konna bdejna l-bini tal-post. Din ma kinitx xi ħaġa faċli, l-aktar meta fiż-Żejtun konna bdejna d-diskussjonijiet biex nittrasferixxu l-festa mix-xhur tax-xitwa għas-sajf. Anke minn dan l-aspett wieħed irid jinnota li Ġanni flimkien mal-Għaqda tan-Nar 25 ta' Novembru konna minn ta' quddiem favur din l-inizzjattiva. Konna ktibna ittra b'talba lill-Arċipriet biex jieħu passi meħtieġa biex il-festa tiġi trasferita għas-sajf. Ġanni minkejja l-intoppi kollha li sab,




Ikompli f'paġna 30





Murtali 1986

baqa' sod u issokta fil-preparamenti tal-bini tal-post tan-nar. Tant li għalkemm il-festa ta' Santa Katarina kienet qed issir b'mod limitat u l-kontribuzzjonijiet kienu naqsu ħafna, peress li l-Għaqda tan-nar ma kienetx qed tieħu sehem fil-festa, il-bini ħa ftit iktar fit-tul. Iżda bil-għajnuna t'Alla l-bini tal-post kien lest sa tmien is-sena 1989 biex f'Jannar kien beda jsir l-ewwel xogħol tan-nar għall-okkażjoni tal-festa li kienet ser issir għall-ewwel darba f'Ġunju 1990.

Wieħed irid jinnota li meta persuna jassumi ir-responsabilita' ta' post tan-nar, ikun qiegħed iġorr responsabilita' mhux żgħira, għaliex huwa jkun il-persuna responsabbli ta' dak kollu li jkun qed jiġri, kif ukoll tal-persuni inġenerali li jkunu qegħdin hemm ġewwa. Għalhekk wieħed iktar irid japprezza l-impenn kbir li kellu Ġanni, għaliex barra li kien il-Licencee, kien ukoll il-kaxxier, u fejn jidħol il-manifattura tal-piroteknika dan jiswa ħafna flus. Huwa kien jirsisti biex jiġbor il-flus, ta' kull sena kien jippublika kalendarju artistiku u barra xogħol tan-nar għall-festa tagħna, kien jaħdem għal diversi parroċċi oħrajn. Dan kien jagħmlu dejjem bl-għajnuna tal-membri sħabu.
Mis-sena 1990 sas-sena 2010 kienu eżattament iċċelebrati dsatax-il festa, peress li tas-sena l-oħra l-festi esterni ġew ikkanċellati u nar ma jnħaraqx. Matul dawn is-snin kollha fiż-Żejtun matul il-ġranet tal-

Ikompli f'paġna 31

festa dejjem kellna ħarqa nar sabiħa b'mod modest li kull dilettant tan-nar kien jieħu pjaċir japprezza. Snin partikulari li wieħed jibqa' jiftakar żgur huma s-sena 2000 u dik ċentinarja tal-2005. Wieħed jista', jinnota wkoll li minn wara s-sena ċentinarja x-xogħol tan-nar kien ħa spinta aktar 'il quddiem kemm fil-kwalita', kif ukoll fil-kwantita'. Dan huwa kontribut sħieħ ta' seħibna Ġanni li kien il-persuna ta' ispirażżjoni kbira u responsabilita' biex wasalna s'hawn.

Iżda d-destin Alla biss ikun jafu u minħabba ċirkostanzi li nqalgħu nhar 4 ta' Mejju 2010, Ġanni ma għadhux magħna. Nistgħu ngħidu li Ġanni ta ħafna aktar milli rrċieva, saħansitra ta ħajtu għal dak kollu li kien iħobb, li għix u emmen fih. Żgur li jixraqlu li dejjem niftakru fih u nitolbu għalih biex il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem. Jalla l-eżempju ta' Ġanni li kien jħobb u qatt ma abbanduna l-familja tiegħu kif ukoll lilna membri tal-Għaqda tan-Nar li konna inqisu lil xulxin bħala familja waħda, jimliena bil-kuraġġ għall-ġejjieni. Bħal ma għidna fl-istqarrija ta' ringrazzjament li ħriġna wara l-funeral, aħna mhu ser ninsew qatt dak li Ġanni wettaq u ser nagħmlu ħilitna kollha biex inkomplu fejn ħalla hu.

**Nifirħu lil Dun Josef Mifsud għall-ħatra tiegħu bħala Kappillan tal-Parroċċa San Ġużepp Ħaddiem ġewwa Birkirkara**

